MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1864/1999/1

**Jesmond Tonna**

**v.**

**Galdes & Mamo Limited f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Royal International Insurance Holdings Limited u b'ordni tal-Qorti tas-26 ta' Frar 2003 l-isem "Galdes & Mamo Limited" gie sostitwit b' "GasanMamo Insurance Agency Limited", illum maghrufa bhala "Gasan Mamo Insurance Limited (C3143)"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Awissu 1999, l-attur ippremetta
illi fl-4 ta' Gunju 1999, l-attur assigura trukk tal-marka ERF Axle Andartic bin-numru tar-registrazzjoni DBE 582 mas-socjeta` konvenuta ghal habta ta' nofsinhar neqsin ghaxra ta' filghodu (11.50 a.m.) wara li l-attur iffirma d-dokumenti kollha fl-ufficcju ta' l-agent tas-socjeta` konvenuta, Victor Cordina, li accettat li tassikurah; illi fl-istess gurnata jigifieri fl-4 ta' Gunju 1999, ghal habta ta' nofsinhar u ghoxrin ta' wara nofsinhar (12.20 p.m.) l-attur kellu incident awtomobilistiku fi Triq Sta. Margerita, San Gwann, fejn l-vettura hawn fuq imsemmija kienet involuta, kif jidher mir-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bhala Dok. A; illi abbusivament u illegalment is-socjeta` konvenuta ghamlet il-hin li l-attur assigura l-vettura in kwistjoni ghas-siegha neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar (12.50 p.m.), siegha wara li attwalment giet iffirmata l-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 34680 513 DBE 582 u anki wara li sar l-incidenti (Dok. B); illi li hu evidenti li dan l-agir abusiv sar mill-konvenut biex jeludi l-obbigi kontrattwali tieghu; illi li m'ghandux ikun hemm dubbju li l-attur kien diga` kopert b'assigurazzjoni mal-konvenut fil-hin li sar l-incident; illi s-socjeta` konvenuta qeghda tirrifjuta milli tonera l-polza ta' l-assigurazzjoni fil-konfront ta' l-attur; dan premess l-attur talab li dik l-Qorti:-

"1. tiddeciedi illi l-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 34680 513 DBE 582 hija valida skond il-ligi mill-4 ta' Gunju 1999, minn nofsinhar neqsin ghaxra (11.50 a.m.) ta' filghodu u konsegwentement,

"2. tordna sabiex tonera l-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 34680 513 DBE 582.

"Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

B'nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Dicembru 2000, is-socjeta` konvenuta eccepiet:

"1. Preliminarjament hemm lok ghall-korrezzjoni stante li s-socjeta` Galdes and Mamo Limited m'ghadhiex tezisti u l-portfolio taghha gie assunt mis-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera CGU Insurance plc;

"2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi fil-hin ta' l-incident in kwistjoni u cioe` fl-4 ta' Gunju, 1999, f'12:20 p.m., l-attur ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici, liema polza ta' assikurazzjoni nharget mis-socjeta` attrici f'12:50 p.m. u cioe` nofs siegha wara li sehh l-incident, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2005, meta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat;

"Illi l-proceduri odjerni jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Gunju 1999, fi Triq Sta. Margerita f' San Gwan ghal habta ta' 12.00 pm meta truck [bowser] registrat bin-numru DBE 582, misjuq mill-konvenut, zviluppa difett mekkaniku fis-sistema tal-breaks u baqa' niezel in-nizla bir-rizultat li kkaguna hsarat f'diversi vetturi, kif ukoll f' parapett ta' dar.

"Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li dak in-nhar huwa kellu t-truck ipparkjat barra d-dar tieghu, u ried jaghmel manuvra fis-sens li jirriversja t-truck u jipparkjah bil-quddiem go ghalqa adjacenti mad-dar tieghu. Waqt li huwa kien qed jaghmel din il-manuvra "ma hassejtx il-breaks bil-konsegwenza li bdejt niezel in-nizla fit-triq …. Meta rrealizzajt li ma kellhix breaks li kienu qed jiffunzjonaw u pprovajt diversi drabi, hadt id-decizjoni biex naqbez il-barra mill-vettura."[1] Rizultat ta' dan it-truck

[1] Affidavit – fol.26

baqa’ niezel wahda u kaxkar diversi karrozzi sakemm spicca mahbut ma’ parapett ta’ dar.

“Illi meta sussegwentement mar jaghmel il-claim mas-socjeta` konvenuta, dina rrifjutat li taccetta l-claim in bazi ghal fatt sostnut minnha li fil-hin ta' l-incident it-truck in kwistjoni ma kienx ghadu assikurat maghha. Din hija l-vertenza principali bejn il-partijiet li tifforma s-substrat ta’ dan il-kaz; u cioe` jekk il-polza ta’ l-assikurazzjoni li tezisti fuq il-vettura in kwistjoni kienitx gia` fis-sehh fil-hin ta’ l-incident.

“Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur, u li fuqhom qed jibbaza it-talbiet tieghu, hija fis-sens li dak in-nhar 4 ta’ Gunju 1999, ghal hbata ta’ 11.50 am, qabel ma kien ser juza l-imsemmi truck, huwa mar ghand Victor Cordina, is-sub agent tal-kumpanija konvenuta biex jassikura l-vettura. Imtliet il-proposal form fis-sens li tnizzel li l-perijodu tal-kopertura li kellu jibda jiddekorri mill-“04.06.1999 Time 12.50 am/pm.” Ma hux kontestat li din il-proposal form tikkontjeni dawn id-dettalji u lanqas li giet iffirmata kemm mill-attur kif ukoll mill-imsemmi Victor Cordina.[2]

“Il-kontestazzjoni tirrisjedi dwar il-hin li fiha saret l-assikurazzjoni, u allura l-mument li din bdiet tiddekorri. L-attur min-naha tieghu jsostni li fil-fatt huwa kien mar ghand Victor Cordina fil-11.50 am u ffirma l-proposal form u kkonsenja c-cheque tal-premium lill-istess; filwaqt li s-socjeta` konvenuta sostnuta mix-xhieda kategorika ta’ Victor Cordina ssostni li l-hin meta gie assikurat l-attur kien dak indikat fuq il-proposal form u cioe` 12.50 [pm]. Ghalhekk l-attur qed isostni li Victor Cordina nizzel il-hin zbaljat fuq il-formola biex is-socejta` konvenuta teludi l-obbligi kontrattwali taghha.

“Illi l-attur jispjega ulterjorment li peress li huwa kellhu diversi vetturi assikurati permezz ta’ dan is-sub agent, huwa kien jafdah; u dak in-inhar qabel ma ddecieda li jsuq it-truck kien mar ghandu biex jassikura l-vettura. L-attur

[2] Fol.89

jghid hekk: “ jiena ffirmajt il-karti ta’ l-insurance li Victor Cordina kien tani biex niffirma u hallejthom mieghu ….. jiena staqsejtu specifikament minn meta l-insurance tal-vettura kellha tibda tghodd u hu qalli ‘mill-lum il-bowser hija inxurajata.”[3] Dan skond l-attur kien ghal habta tal-11.50 am. Sussegwentement mar lura d-dar, saq il-bowser u sehh l-incident kif fuq indikat.

“Illi Victor Cordina fix-xhieda tieghu spjega li dak in-nhar, kif jaghmel is-soltu kiel fl-12.00 pm u wara, mar jistrieh. Kif kien qed jistrieh, “donni smajt qampiena u donni ma smajthiex” u, ghalkemm inizjalment ma kienx ser jiftah il-bieb, iddecieda li jiftah u kif ghamel hekk sab lill-attur. Dan kien fis-12.50 pm. Dan ix-xhud kompla jispjega li huwa nizzel fuq il-proposal form dan il-hin peress li kien f’dan il-hin li beda jkellmu l-attur u talbu biex jassikuralu t-truck. Ix-xhud jghid li, ghalkemm uhud mid-dettalji indikati fuq il-proposal form tnizzlu minnu wara li giet iffirmata, huwa kien kategoriku fl-asserzjoni tieghu li n-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura, id-data, u l-hin tnizzlu dak il-hin stess quddiem l-attur u qabel ma dan iffirma l-proposal form. Huwa spjega li dawn id-dettalji kienu importanti peress li dan kien “new business” u ghalhekk kellu jitrasmettihom minghajr dewmien lis-socjeta` assikuratrici. Dak il-hin wkoll giet redatta minnu l-cover note[4] fejn ukoll indika l-hin indikat fil-proposal form. Victor Cordina jkompli jghid li peress li kienu lahqu saru 1.00 pm meta cempel lis-socjeta` kovnenuta biex jitrasmetti l-assikurazzjoni ta’ l-attur irrispondiet l-answering machine peress li dak il-hin l-impjegati jkunu bil-break.

“Illi minn dan jirrizulta li sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu jehtieg li jipprova [1] li l-hin li hu mar ghand l-imsemmi Victor Cordina kien fil-fatt fil-11.50 am, u mhux siegha wara fil-12.50 kif sostnut minn Cordina; u [2] li l-hin indikat fil-proposal form iffirmata mill-istess attur kien indikat erroneament, volontarjament jew involontarjament mill-istess Cordina.

---

3 Fol.26
4 Fol.84

“In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.[5] Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero`, il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn dak kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[6] Mera possibilita` mhijex sufficjenti biex tirradika r-responsabilita’ civili.

“Gie osservat ukoll li “Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant” [7]

“Fil-kaz in disamina huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

“[1] Illi, ghalkemm l-attur jsostni li l-incident sehh fl-12.20 pm kif indikat fir-rapport tal-pulizija, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-incident fil-fatt sehh ghal habta tal-12.00 pm. Dan jinsab konfermat mill-Avukatessa Dottor Claudia Vella u konfortata mix-xiehda ta’ l-Avukat Dottor Geroge Said.

“Fl-affidavit taghha Dr.Claudia Vella spjegat li waqt li hija kienet qeda tistudja fil-kamra taghha, ghal “xi 12.00 pm” hija semghet hoss qawwi, ma' l-ewwel harset mit-tieqa u

---

[5] *App.Inf.**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta’ Novembru 2002
[6] *App.Civ. **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[1986] Vol.LXX.II.144*
[7] [7] *Prim.Awla [MCC] **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** – 24.11.1966*

rat il-bowser mahbut. Hija harget immedjatament u rat lill-attur inkwetat jaghti b’ idejh fuq wiccu. Wara xi 20 minuta bdew jingemghu n-nies u din ix-xhud indunat li l-attur ma kienx prezenti. Hi spjegat li hi u missierha fittew lill-attur peress li riedu jkellmuh fuq l-assikurazzjoni “u kien b’ hekk li ndunajna li Jesmond Tonna kien telaq minn fuq il-post.” Il-pulizija waslu xi siegha wara l-habta f’ xi 1.00 pm. “Wara li [dawn] kienu kellmu lil kulhadd, fittxew lil Jesmond Tonna, billi saqsew b’lehen gholi minn kien qed isuq il-bowser. Dak il-hin Jesmond Tonna kien prezenti u identifika ruhu mal-pulizija, pero` nispecifika li kien ghadda xi hin mhux hazin bejn meta kienu waslu l-pulizija sakemm kienu lahqu kelmu lill kulhadd, nikkalkola bejn wiehed u iehor xi tletin [30] minuta.”[8]

“Illi l-Qorti wara ezami akkurat tax-xhieda hija propensa li taccetta bhala korretta l-versjoni moghtija minn din ix-xhud fl-affidavit taghha, u senjatament li l-incident sehh ghal habta tal-12.00 pm u mhux ghal habta tal-12.20 pm kif allegat mill-attur u kif indikat fir-rapport tal-pulizija li waslu fuq il-post fitt wara 1.00 pm u gabu l-informazzjoni minn nies li kienu fuq il-post, inkluz l-attur.[9]

“[2] Illi mill-provi rrizulta assodat li f’ xi hin wara l-incident l-attur ma kienx fuq il-post. Dan il-fattur idghajjef it-tesi tal-attur. Min-naha tieghu l-attur, korroborat minn missieru, jsostni li kien mar id-dar jiehu café minhabba li kellu xokk fuqu, filwaqt li t-tesi konvenuta hija fis-sens li fil-frattemp dana nizel il-Gzira ghand Victor Cordina u ghamel l-assikurazzjoni tal-vettura.

“Illi l-attur isostni li mhuwiex possibbli u mhiex kredibbli t-tesi konvenuta li f’dak il-hin, bix-xokk li kellu fuqu dana nizel ghand Cordina u ghamel il-polza, kemm minhabba x-xokk li kellu fuqu kif ukoll minhabba li t-toroq minn fejn ried jghaddi kienu frekwentati mit-traffiku. F’dan ir-rigward il-Qorti, tosserva li, ghalkemm irrizulta provat li l-attur kellu xokk fuqu rizultat ta' l-akkadut, min-naha l-ohra kien hemm trapass taz-zmien sufficjenti biex lil dan iwassluh ghand Cordina u jerga’ lura, tenut kont li l-incident sehh

[8] Fol.117
[9] Deposizzjoni Ps.621 Pierre Calleja

ghal habta ta’ 12.00 pm u hu wasal ghand Victor Cordina fl-12.50 pm kif indikat fuq il-polza – cioe` kwazi ghaddiet siegha. Fil-fehma tal-Qorti kien hemm zmien sufficjenti sabiex l-attur jikkalma almenu esternament u jmur, jew jiehduh, ghand Cordina fid-dar tieghu l-Gzira[10] Skond Victor Cordina l-attur dam ghandu xi 20 minuta [li jwasslu sa xi 1.10 pm] u rega’ wasal fuq il-post ta’ l-incident qabel is-1.30 pm b’ hekk meta sejhulu l-pulizija f’dak il-hin huwa kien prezenti. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-konsiderazzjoni fattwali jimminaw u jdghajjfu t-tesi ta’ l-attur.

“L-attur isostni li bil-qata’ li kellu fuqu ma kienx possibbli li dana jmur ghand Victor Cordina li min-naha tieghu kkonferma li meta dan gie ghandu l-attur kien jidher normali. F’dan ir-rigward jerga’ jigi ribadit li kien hemm certu spazju ta’ zmien [kwazi siegha] bejn l-incident u l-hin li wasal ghand Victor Cordina. Inoltre, il-fatt li dana kellu qata’ fuqu ma jfissirx necessarjament li dina kienet tidher esternament siegha wara; u dan apparti l-konsiderazzjoni li l-attur kien jaf li jekk ma kienx ser jirnexxilu jassikura l-vettura kien ser jkun responsabbli tal-hsarat kbar kagjonati, u ghalhekk kellu kull interess li jagixxi, anke bi sforz, ta’ bniedem normali. In fine, l-asserzjoni ta’ Victor Cordina li skond hu l-attur deher normali, ma tikkostitwixxi prova defenittiva li dana dak il-hin fil-fatt ma kienx ghatu bil-qata’ go fih.

“[3] Illi t-tesi ta’ l-attur tkompli tiddghajjef u ssib ostaklu serju li jimpedixxi s-success taghha, fid-dawl tal-konsiderazzjoni li l-proposal form hija ffirmata minnu. Ghalkemm huwa jsostni li ghand Victor Cordina huwa ffirma l-karti, tah ic-cheque u telaq. Din il-versjoni ssib skontru fix-xhieda konsistenti u kategorika ta’ l-istess Victor Cordina li, ghalkemm accetta li certu dettalji gew mnizzla minnu wara, sostna li d-dettal tal-hin u tal-gurnata u tan-nurmu tal-vettura, gew mnizzla dak il-hin meta l-attur iffirma l-proposal form.

[10] Il-Qorti hija familjari mal-inhawi u mat-toroq li jaghtu minn San Gwann ghal St. Albert Street Gzira.

"Fi kliem l-istess Victor Cordina: "Jien ha nghidlek meta nimla new business, jigifieri xoghol gdid, naghmel il-hin u d-data ezatta, tghidli kif taf, naf ghax inhares lejn l-arlogg ghax norqod u nqum bih l-arlogg.  Qed tifhem, u zgur li ghamiltu qed tifhem. Jiddispjacini ghal Mr.Tonna imma l-fatti, fatti."[11]

"Il-Qorti tosserva li ma hemm xejn x'jindika li dan ix-xhud ma kienx qed jghid il-verita`.

"L-oneru ta' dak allegat mill-attur u cioe` li Victor Cordina nizzel il-hin zbaljat, tirrisjedi fuq l-attur li ghandu jipprova l-kaz tieghu, mhux in bazi ta' mera possibilita` izda almenu fuq bilanc ragjonevoli ta' probabiltajiet; u kif fuq indikat id-dubju f'kaz ta' verzjonijiet opposti, ghandu jiffavorixxi lin-naha konvenuta u mhux lill-attur li qed jaghmel l-allegazzjoni.  Jigi osservat ukoll li d-differenza fil-hin bejn dak sostnut mill-attur u dak sostnut u mnizzel minn Cordina, mhix differenza zghira izda addirittura wahda ta' siegha.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm huwa veru li fil-kummerc tinbet certu fiducja bejn persuni li jinnegozjaw flimkien, anki f' kaz bhal dan bejn persuna li ghandha negozju u l-persuna li tiehu hsieb l-assikurazzjoni tal-vetturi tieghu, izda legalment tibqa' valida l-konsiderazzjoni legali li l-kontraenti huma marbutin bil-kontenut tad-dokumenti li huma jkun iffirma – salv f'kaz ta' provi kuntrarji li jkun cari u manifestament accettabbli - stante li hawn si tratta ta' prova skritta u konkreta.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma jirnexxielux jipprova l-kaz tieghu sodisfacentement skond il-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha."

**L-appell ta' l-attur.**

[11] Fol.134

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fid-9 ta' Gunju 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma [enfazi tal-Qorti] s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-esponent huwa kopert bil-polza ta' assikurazzjoni bin-numru 34680 513 BDE 582.

Il-kontro-parti pprezentat risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attur fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija s-sentenza appellata tigi konfermata u l-appell michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

Minn qari tar-rikors ta' appell ta' l-attur jidher li dan ressaq aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata billi qed isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti billi jsostni li l-provi jindikaw li l-polza ta' assikurazzjoni kienet inharget qabel ma sehh l-incident mertu tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa kaz li jittratta dwar talba ghal hlas fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta fuq vettura misjuqa mill-attur. L-incident mertu tal-"*claim*" sehh dakinhar li giet mahruga l-polza ta' assikurazzjoni u, filwaqt li l-attur isostni li din il-polza giet hekk mahruga qabel l-incident, u ghalhekk hemm kopertura, l-assikurazzjoni qed tikkontendi li l-polza, ossia l-"*cover note*" giet mitluba lil u effettivament mahruga mill-agent taghha wara li sehh l-incident.

Hija prassi ta' l-assikurazzjoni konvenuta u hekk jidher mill-istess "*proposal form*" li meta issir talba ghal hrug ta' kopertura ta' vettura titnizzel fuq l-istess "*proposal form*" mhux biss id-data ta' din it-talba izda ukoll il-hin meta l-klient prospettiv jkun avvcina lir-rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici. Din il-"*proposal form*" wara li tintmela, tigi ffirmata kemm mill-applikant (f'dan il-kaz l-attur) kif ukoll mir-rappresentant tas-socjeta` assikuratrici. Immedjatament tinthareg "*cover note*", li wkoll iggib il-hin

minn meta bdiet tapplika l-polza biex il-kopertura tibda tapplika minn dak il-hin stess.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li fuq l-"*proposal form*" li mtliet mill-agent tas-socjeta` konvenuta Victor Cordina, tnizzlet id-data ta' l-*"issue"* tal-polza bhala l-4 ta' Gunju 1999, u l-hin li din inghatat bhala 12.50 u ma jirrizultax li f'dak il-mument, ghalkemm dan il-hin jinsab immedjatament fuq il-firma ta' l-attur, li l-istess attur qajjem xi kwistjoni dwar dan. Din ic-cirkostanza giet ikkonfermata mill-istess Victor Cordina kemm fl-*affidavit* li huwa kien ghamel fil-11 ta' Gunju, 1999 u li gie prezentat mix-xhud Hugh P. Zammit (a fol 85) kif ukoll mix-xiehda ta' l-istess Cordina li spjega c-cirkostanzi ta' dik l-applikazzjoni b'certa dettal li juru li l-hin hemm indikat fuq l-istess *"proposal form* " kienu kif riportati fuq l-istess dokument.

Jirrizulta wkoll u mhux kontestat mill-istess attur li l-incident in kwistjoni sehh f'nofsinhar u ghoxrin ta' l-istess data tal-*proposal form*. Dan jirrizulta kemm mir-rapport tal-pulizija kif ukoll gie ammess mill-istess attur fid-dikjarazzjoni guramentata pprezentata minnu flimkien mac-citazzjoni promotrici. Dan jista' jfisser biss li l-incident in kwistjoni fl-verita` sehh qabel ma' saret l-applikazzjoni ghal kopertura tal-vettura u ghalhekk dak l-incident ma kienx kopert b'dik l-polza.

L-attur ressaq diversi ipotezijiet fir-rikors ta' l-appell biex juri li kien impossibbli ghalih li, wara l-incident, jmur ghand l-agent ta' l-assikurazzjoni biex tinhareg polza ta' assikurazzjoni biss mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment il-fatt li ghal certu hin l-attur ma kienx prezenti fuq il-post ta' l-incident, din il-Qorti hija tal-fehma, bhal ma kkonkludiet l-ewwel Qorti, li l-attur ma irnexxilux jipprova l-kaz tieghu. Dan apparti l-fatt li hemm provi dokumentarji li juru l-kontrarju ta' dak li qed isostni l-attur u dan ma irnexxilux jeghleb dawn il-provi. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha twarrab il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------